# Fuq xtajta fi nżul ix-xemx. Iddeskrivi.

Il-Ħadd li għadda, fis-sitta ta' filgħaxija wasalt fil-bajja popolari tal-Għadira ma' familti. Il-bajja kienet mimlija daqs bajda bin-nies u t-turisti! Dak il-ħin, is-sħana bdiet ittaffi iżda xorta waħda kellna aptit nieħdu għawma sabiex niffriskaw.

Tgħidx kemm ċafċaft u lgħabt m'oħti fil-baħar ċar daqs il-kristall! Wara sagħtejn għawm, tlajna mill-baħar kiesaħ silġ biex nieklu xi ħaġa. Jiena kont qiegħda mmut bil-ġuħ u żaqqi tgħidx kemm bdiet tgorr! F'kemm trodd salib, poġġejt fuq is-siġġu isfar ċar u ommi ħarġet munzell kaxex mill-basket kif ukoll fliexken bl-orzata. Fil-kaxex kien hemm ftajjar friski mimlijin żebbuġ, tonn taż-żejt, kappar u kunserva. Kien hemm riħa taqsamlek qalbek u l-ftira niżlitli għasel! Sabiex jinżel l-ikel, għedt kelmtejn ma' familti dwar il-pjanijiet għal dan is-sajf. F'daqqa waħda, bdiet nieżla x-xemx u smajt lil kulħadd jistagħġeb bis-sbuħija ta' din ix-xena. Jiena bqajt b'ħalqi miftuħ beraħ. Naħseb għamilt xi ħames minuti niċċassa lejn dik ix-xena meraviljuża! Is-sema kien qisu għadu kif ħareġ minn ġo pittura ta' mużew. Innutajt kemm hi perfetta n-natura għax lanqas l-aqwa artist ma seta' jpinġi dik il-meraviljа! Fi nżul ix-xemx kien hemm saff oranġjo, saff aħmar nar kif ukoll saff roża ċar. Kull sekonda, il-kuluri bdew isiru aktar vibranti, qisu xi ħadd kien qed ipitter is-sema dak il-ħin! Ħassejtni qisni ħrigt minn xi xena tal-films jew minn xi dinja tal-fantasija!

Filwaqt li kont qed nammira dan ix-xogħol perfett tal-arti, xammejt riħa qawwija ta' barbikju, li kienet ġejja min-naħa l-oħra tal-bajja. Ilmaħt ukoll qatgħa għasafar itiru viċin ix-xemx li dehru suwed tuta. Żiedu mal-kuluri tal-meravilja! Tassew f'dak il-mument ħassejtni fil-paċi ma' dawk ta' madwari kif ukoll kalma u serena. Xejn ma kien qed idejjaqni. Oħti tgħidx kemm ħadet ritratti u vidjows. Sakemm

kompliet nieżla x-xemx, jiena u oħti bnejna kastell enormi tar-ramel. Tgħidx x'kedda ħadna għax il-ħin kollu beda jiġġarfilna! Wara, ommi u missieri rrakkontaw stejjer u praspar li għamlu meta kienu iżgħar. Darba waħda missieri waddab lin-neputijiet tiegħu fil-friża kif ukoll lill-kelb ta' ħuh il-kbir, Snoopy sakemm in-nanna kienet qed tnaddafha mis-silġ. Tgħidx kemm dħakt bil-qalb! Viċin il-bajja kien hemm ġelaterija u kif rajt il-vetrina li kien hemm ġewwa, waqgħetli żaqqi. Kellu madwar tletin tip ta' ġelat. Jiena ħadt tal-biskuttini u taċ-ċikkulata. Il-ġelat kien forma ta' fjura u kien attraenti daqs inżul ix-xemx. Irrilissajt fuq is-siġġu waqt li kont qed nitpaxxa bil-ġelat u s-sema. Dak kien l-aqwa ġelat li ħadt f'ħajti! Kif ix-xemx messet mal-orizzont beda jsir il-ħin sabiex nerħulha lura d-dar.

Kienet ġurnata memorabbli u inkredibbli fejn qattajt ħafna ħin ma' familti. Irrealizzajt kemm in-natura hi prezzjuża, bla qies u kemm irridu nieħdu ħiebha u napprezzawha. Tassew ix-xena ta' nżul ix-xemx se tibqa' mnaqqxa f'qalbi għal dejjem.

Miktuba minn Julia Seguna

Skola St Joseph, Il-Blata l-Bajda